Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2159

24.9.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2026/2159

tat-22 ta' Settembru 2026

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/2/2026)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/354/PESK tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2013/354/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bil-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS), inkluż id-deċiżjoni li jaħtar Kap ta' Missjoni fuq proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli").

(2) Fil-25 ta' Ġunju 2026, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2026/1479 [2], li ħatret lis-Sur Felix ANDÅKER bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUPOL COPPS mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Settembru 2026.

(3) Fit-3 ta' Awwissu 2026, ir-Rappreżentant Għoli ppropona li l-mandat tas-Sur Felix ANDÅKER bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUPOL COPPS jiġi estiż mill-1 ta' Ottubru 2026 sat-30 ta' Ġunju 2027.

(4) B'kont meħud tal-informazzjoni pprovduta minn Iżrael u mill-Awtorità Palestinjana, jenħtieġ li l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-EUPOL COPPS jiġi estiż mill-1 ta' Ottubru 2026 sat-30 ta' Ġunju 2027,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Felix ANDÅKER bħala Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) huwa b'dan estiż mill-1 ta' Ottubru 2026 sat-30 ta' Ġunju 2027.

[1] ĠU L 185, 4.7.2013, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2013/354/oj.
[2] Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2026/1479 tal-25 ta' Ġunju 2026 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/1/2026) (ĠU L, 2026/1479, 29.6.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/1479/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika soġġetta għall-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kunsill li testendi l-validità tad-Deċiżjoni 2013/354/PESK lil hinn mit-30 ta' Settembru 2026.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2026.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

L. MANDEL VENSILD